MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Appell Civili Numru. 6/2011

**Margaret Schembri**

**vs**

**Charicelon Company Limited u ROCS Group**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-19 ta' Awwissu 2011 it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzjat s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Novembru 2009 fejn ir-rikorrenti tablet danni ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) rapprezentanti prezz ta' dawn id-danni li korriet sabiex*

*tmur go hotel ohra peress illi l-ewwel hotel kienet f'zona perikoluza.*

*Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-socjeta' ntimata li huwa rapprezentant tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija bbukjat vaganza ghar-rikorrenti pero' meta waslet fil-post, iz-zona fejn kienet il-hotel tant kienet zona perikoluza hafna tant li kien hemm hafna nies qed jiehdu d-droga, li spiccaw kellhom imorru joqghodu go hotel ohra.*

*Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi l-hotel kienet tajba u li z-zona m'ghandiex kontroll fuqha u li l-hotel kienet fic-centru.*

***It-Tribunal jinnota illi:***

*Meta l-konsumatur imur ghand agenzija tal-ivvjaggar sabiex jafdalu l-vaganza f'idejh, l-agenzija tal-ivvjaggar ghandha taghti l-informazzjoni kollha u korretta lir-rikorrent sabiex jifforma l-opinjoni tieghu jekk ghandu jmur go post jew iehor. F'dan ir-rigward it-Tribunal ihoss illi s-socjetajiet intimati jew ma jkunux ben informati dwar l-akkwati tal-hotel jew li ma kienux jafu illi kien hemm nies li qed jittraffikaw id-droga f'dawk l-inhawi.*

*Ghalhekk, it-Tribunal ihoss illi meta tmur fuq vaganza, huwa l-agenzija tal-ivvjaggar li ghandu jassigura li l-konsumatur jinghata l-ahjar vaganza bl-ahjar kundizzjonijiet u bl-ahjar informazzjoni.*

*Pero’ t-Tribunal ihoss illi l-hotel kienet hotel tajba u li kienet fic-centru u li kieku ma kienx ghal dawn it-traffikanti tad-droga l-ilment ma kienx isir.*

*It-Tribunal pero’ jhoss illi r-rikorrenti hija gustifikata li marret tfittex hotel ohra sabiex titlaq minn dik iz-zona fejn skont hi hassitha mbezza’.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-socjetajiet intimate in solidum ihallsu l-ammont ta’ mitejn ewro (€200), bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet intimati’.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-kumpaniji Charicelon Company Limited (C-14614) u ta’ ROCS Group datat 25 ta’ Awwissu 2011 a fol 1 tal-process fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom imressqa tilqa’ l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata okkorrendo billi tilqa’ l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata.

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-appellata Margaret Schembri (K.I. 560565M) datata 14 ta’ Settembru 2011 a fol 14 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati d-decizjoni tat-Tribunal ghal-Talbiet tal-Konsumaturi hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta’ Jannar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Kevin Camilleri Xuereb ghas-socjetajiet appellanti, u Dr. Daniela Cassar ghall-appellata prezenti. Il-Qorti innotat li l-process tat-Tribunal ma giex inserit f’dan il-process u ordnat li dan jigi nserit minnufih. Deher ukoll Colin Aquilina ghas-socjetajiet appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-30 ta’ Ottubru 2012.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 9 ta' Lulju 2012 fejn il-kawza giet rikjamata ghas-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati bl-istess digriet u allura din il-Qorti ser taghddi sabiex taghti s-sentenza taghha llum.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi datata 19 ta' Awwissu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell huwa fis-sens li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizza naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta min jappella u dan ai termini tal-**artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378** u dan ghaliex qed jinghad li f'dan il-kaz l-ezercizzju diskrezzjonali tat-Tribunal kien nieqes minn raguni u l-konkluzzjoni kienet illogika.

Illi jidher li fil-verita' dak li l-istess appellanti qed isostnu fl-appell taghhom huwa li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi quddiemu u dan ghaliex skond huma l-appellata semmiet biss li rat persuna wahda tiehu d-droga fl-inhawi fejn hemm il-hotel, u t-Tribunal minflok accentwa dan billi sostna li l-inhawi kienu f'zona perikoluza, u dan meta skond l-appellanti l-appellata lanqas issostanzjat l-allegazzjoni taghha, meta kien oneru taghha li tipprova dak minn allegat. F'dan il-kuntest qed jinghad li l-istess Tribunal ma hax in konsiderazzjoni in linja difensjonali tal-appellanti; apparti dan jinghad li l-motivazzjoni tad-decizjoni kienet konfuzzjonarja ghaliex minn naha sostniet li s-servizz fil-lukanda kien tajjeb, mentri xorta wahda sab lill-appellanti hatja li ma pprovdewx servizz sew lill-appellata.

Illi din il-Qorti rat li f'dan il-kaz appell lill din il-Qorti huwa limitat ghall dak li jipprovdi l-**artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378** b'mod li qed jigi allegat li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizza naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta min jappella, izda prova ta' dan ma ingabitx ghaliex jidher li fil-fatt it-Tribunal semma liz-zewgt partijiet li kienu debitament notifikati u nformati bid-data meta kellhu jinstema' l-kaz, u t-Tribunal ta' d-decizjoni fuq dak li semma' (li ma huwiex disponibbli ghall din il-Qorti).

Illi ma jirrizultax li fis-smiegh tal-istess kien hemm xi ksur ta' xi principju ta' gustizzja naturali, nkluz tal-principju *audi alteram partem* (**"Joseph Debono vs Phoneca Systems Ltd"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Mejju 2004)*,* tant li l-ilment tal-appellanti jidher li huwa fuq il-kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ghamel it-Tribunal fejn jidher car li huwa accetta l-versjoni tal-appellata u mhux tal-appellanti, u dan fuq il-punt li l-hotel kienet f'zona perikoluza ghaliex fil-vicinanzi kien hemm traffikanti tad-droga. La darba dan huwa kaz fejn l-ammont moghti kien inqas minn 1,200 Euro, mela allura l-unika bazi ta' appell ghall dak li huwa dan il-kaz hija dik skond l-**artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378**, u allura taht dan l-aspett din il-Qorti ma ghandhiex u lanqas tista' taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid ta' dak sottomess quddiem it-Tribunal. Jinghad f'dan il-kuntest li din il-Qorti, la darba t-Tribunal innotifika l-partijiet bis-smiegh u sema' l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, b'dan li l-procedura addottota kienet korretta. Dwar l-apprezzament ta' provi, jidher li t-Tribunal ikkonsidra z-zewgt versjonijiet u qaghad fuq il-versjoni tal-appellata (tant li lanqas laqgha t-talba kollha tal-appellata rikorrenti quddiemu) u allura mhux il-kaz li t-Tribunal injora ghall-kollox is-sottomissjonijiet tal-appellanti u ntimati quddiem it-Tribunal (**"Tania Galea vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 13 ta' April 2011), izda dan ma jaghtix dritt ta' appell lill-appellanti, minkejja l-mod kif l-appellanti ppruvaw jimpostaw l-appell taghhom, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-appell odjern jittratta effettivament talba sabiex din il-Qorti tissosstitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghall dik tat-Tribunal, haga li ma hijiex

konsentita’ f’kaz, bhal dak odjern, meta s-sorte u l-ammont tad-decide huwa inqas minn 1,200 Euro **(“Romina Vella vs Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning”** (A.I.C. (CA) – 24 ta’ April 2001).

Illi dwar l-allegazzjoni li d-decizjoni ma hijiex ben motivata dan ma huwiex minnu ghaliex jidher car li t-Tribunal sostna li t-talba tar-rikorrenti quddiemu kienet ser tintlaqa’ fl-ammont ta’ 200 Euro u dan biss ghaliex l-istess hotel kien tinstab f’lok fejn kien hemm traffikanti tad-droga u li l-agenzjija tal-ivvjaggar naqset li tavza b’dan lill-appellata jekk kienet taf, u fi kwalunkwe kaz kellha tkun taf, sabiex b’hekk taghti informazzjoni korretta lill-klijent taghha (**“Zammit Cachia Limited vs Hix Travel Limited”** (A.I.C. (PS) – 17 ta’ Frar 2003). B’hekk l-appellata kellha ragun meta fl-istat li sabhet ruhha fih bidlet il-lukanda. Mela allura l-istess decizjoni hija ben motivata skond il-ligi **(“Alfred Sant nomine vs Kummissarju tat-Taxxi Interni”** (A.C. – 4 ta’ Marzu 1992)

Illi dwar l-allegazzjoni li l-istess decizjoni hija kontradittorja ghaliex sostniet li l-lukanda ghandha servizz tajjeb u kien f’post tajjeb fic-centru izda mbaghad xorta wahda kkundannat lill-appellanti ihallsu l-ammont ta’ danni ndikati, jidher car li dan it-Tribunal ghamlu ghaliex fiz-zona fejn kien hemm il-hotel jirrizulta li kien hemm traffikanti tad-droga li s-socjetajiet appellanti nghad li ma nfurmawx lill-appellata dwarhom jew ghaliex ma kienux jafu bl-istess jew ghaliex messhom kien jafu bl-istess u b’hekk kellhom jinformaw lill-klijent taghhom, u dan la darba kienu huma li ssugerew lill-appellata l-istess lukanda. B’hekk jirrizulta li l-aggravji ma humiex ben fondati u l-appell qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appell tal-appellata Margaret Schembri datata 14 ta’ Settembru 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors**

**tal-appell taghhom datat 25 ta' Awissu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi, u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall-kull effett u bwon fini tal-Ligi d-decizzjoni tat-Tribunal Ghal-Talbiet tal-Konsumatur datata 19 ta' Awissu 2011 fl-ismijiet "Margaret Schembri vs Charicelon Company Limited u Rocs Group" (Avviz Numru CCT 473/09-F).**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Charicelon Company Limited u Rocs Group.**

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**16 ta' Lulju 2012**

**Melissa Galea**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2012**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------